# Negozju u drittijiet tal-bniedem

Il-kontenut ipprovdut minn
Slovakkja

Slovakkja

Fir-Repubblika Slovakka, kull persuna għandha d-dritt għal trattament indaqs meta teżerċita d-drittijiet tagħha u għall-protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni. In-negozji jridu jirrispettaw il-prinċipju ta' trattament indaqs, mhux biss fil-provvista ta' oġġetti u ta' servizzi, iżda anki fir-rigward tal-impjieg, kemm għall-persuni li qed ifittxu impjieg kif ukoll għall-impjegati nfushom.

## 1. X'tip ta' ħarsien ġudizzjarju għandi f'pajjiżek bħala vittma ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem relatati man-negozju? Dan il-ħarsien jinkludi kumpens?

Wieħed mid-drittijiet fundamentali mnaqqxa fil-Kostituzzjoni tar-Repubblika Slovakka huwa d-dritt għall-protezzjoni ġudizzjarja, li wieħed isegwi d-drittijiet tiegħu quddiem qrati indipendenti, inkluża l-Qorti Kostituzzjonali, jew quddiem awtorità oħra tar-Repubblika Slovakka, jekk il-liġi tipprevedi hekk.

Id-dritt għall-protezzjoni ġudizzjarja jiġi eżerċitat permezz ta' rikors għall-ftuħ tal-proċeduri. Jekk ikun hemm ksur jew theddida ta' dritt soġġettiv, id-detentur ta' dak id-dritt, kemm jekk ikun persuna fiżika jew inkella persuna ġuridika, jista' jeżerċita d-dritt tiegħu għal protezzjoni ġudizzjarja billi jitlob il-ftuħ tal-proċeduri, jiġifieri billi jiftaħ kawża legali. Kull persuna fiżika jew ġuridika hija intitolata li tiftaħ kawża legali. Il-qrati jridu jikkunsidraw kull kawża.

Irid ikun ċar mill-kawża x'inhujitlob ir-rikorrent, jiġifieri x'forma ta' ordni jew ta' rimedju qed tintalab. Fil-forma ta' ordni mitluba (it-talba), ir-rikorrent jiddefinixxi l-każ li l-qorti għandha tisma' u tiddeċiedi dwaru. Il-qorti ma tistax tagħti xi ħaġa oħra ħlief dak li jintalab fir-rikors. Sintendi, skont ir-riżultati tal-proċeduri, il-qorti tista' tagħti anqas minn dak li jkun qed jitlob ir-rikorrent; tista' tagħti aktar biss meta l-liġi tistabbilixxi forma speċifika ta' soluzzjoni bejn il-partijiet jew meta l-proċeduri jkunu setgħu nbdew fuq inizjattiva tal-qorti stess.

Għalhekk, il-vittma ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem f'kuntest kummerċjali għandha d-dritt għall-protezzjoni ġudizzjarja, u meta tiftaħ il-kawża tispeċifika, ir-rikors għandu jiddetermina l-elementi li jridu jiġu eżaminati u deċiżi u l-kumpens li jkun qed jintalab mir-rikorrent quddiem il-qorti.

F'każijiet li jinvolvu interferenza illegali mal-unur, mad-dinjità, mas-saħħa jew mal-privatezza ta' persuna fiżika, il-ħajja tal-familja tagħha, eċċ., il-persuna li tkun ġarrbet id-dannu għandha d-dritt li tfittex kumpens għal telf mhux finanzjarju fil-qorti. L-ammont tat-telf mhux finanzjarju jiġi ddeterminat f'termini monetarji primarjament b'referenza għal dawn li ġejjin:

1. il-vittma, il-ħajja tagħha sa dak il-punt u l-ambjent li tgħix u taħdem fih;
2. il-gravità tat-telf u ċ-ċirkustanzi li tkun seħħet fihom;
3. is-serjetà tal-konsegwenzi għall-ħajja privata tal-vittma;
4. is-serjetà tal-konsegwenzi għall-pożizzjoni soċjali tal-vittma.

## 2. Għandkom xi regoli speċifiċi għal ksur gravi tad-drittijiet tal-bniedem?

## Dawn ir-regoli japplikaw għal reati ambjentali jew ta' sfruttament qawwi tal-forza tax-xogħol?

Il-Kodiċi Indutrijali jipprojbixxi d-diskriminazzjoni fir-relazzjonijiet tax-xogħol, u b'hekk jirrikjedi b'mod dirett li n-negozji jirrispettaw il-prinċipju ta' trattament indaqs fir-relazzjonijiet prekuntrattwali u tax-xogħol tagħhom. Miżuri aktar dettaljati huma pprovduti mill-Att Kontra d-Diskriminazzjoni, li jipprojbixxi diskriminazzjoni fl-impjieg u relazzjonijiet legali simili għal raġunijiet ta' sess, reliġjon jew twemmin, ta' razza, ta' nazzjonalità jew grupp etniku, ta' diżabilità, ta' età, ta' orjentazzjoni sesswali, ta' stat ċivili u stat tal-familja, ta' kulur tal-ġilda, ta' lingwa, ta' twemmin politiku jew ieħor, ta' oriġini nazzjonali jew soċjali, ta' proprjetà, ta' ġeneru jew status ieħor, jew minħabba rapport ta' reat jew ta' attività antisoċjali oħra.

Skont l-Att dwar is-Sigurtà u s-Saħħa Okkupazzjonali, in-negozji jridu jissorveljaw il-kundizzjonijiet tax-xogħol sikuri, il-binjiet, it-toroq, il-makkinarju u t-tagħmir tekniku, il-proċeduri tax-xogħol, l-organizzazzjoni tax-xogħol, eċċ., sabiex jiġu żgurati s-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol.

Il-Kostituzzjoni tar-Repubblika Slovakka tipprovdi li ħadd ma jista' jintbagħat għal xogħol furzat jew għal servizz furzat.

Reati li jinvolvu ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, pereżempju kontra l-libertà (bħat-traffikar tal-bnedmin, ir-restrizzjoni tal-libertà personali jew ir-restrizzjoni tal-libertà ta' residenza), kif ukoll reati li jinvolvu periklu għall-pubbliku u kontra l-ambjent (eż. rimi illegali tal-iskart, rimi mhux awtorizzat ta' sustanzi niġġiesa, ksur tal-obbligi ta' protezzjoni tal-ilma u l-arja, produzzjoni u ġestjoni mhux awtorizzati ta' sustanzi li jnaqqsu l-ożonu u oħrajn) huma kklassifikati fil-Kodiċi Kriminali bħala reati meta jkun hemm intenzjoni kriminali, u l-liġi tipprevedi piena massima ta' priġunerija ta' aktar minn ħames snin għalihom. Ir-responsabbiltà kriminali għal reati bħal dawn tiġġarrab mill-awturi, li jistgħu jkunu persuni fiżiċi skont il-Kodiċi Kriminali jew persuni ġuridiċi skont l-Att dwar ir-Responsabbiltà Kriminali tal-Persuni Ġuridiċi u l-Kodiċi Kriminali.

Minn dan ta' hawn fuq isegwi li f'każijiet ta' ksur gravi tad-drittijiet tal-bniedem, inklużi reati ambjentali u sfruttament serju ta' ħaddiema, japplikaw regoli speċifiċi għat-tul tas-sentenza, li jkunu ogħla skont il-Kodiċi Kriminali fil-każ ta' delitt milli fil-każ ta' kontravvenzjoni.

# 3. Jiena vittma ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem li rriżulta minn attivitajiet ta' korporazzjoni transnazzjonali Ewropea li seħħew barra mill-Unjoni Ewropea. Għandi aċċess għall-qrati f'pajjiżek jekk m'iniex ċittadin tal-UE jew jekk ma ngħixx fl-UE? X'inhuma l-kundizzjonijiet biex jintalbu d-danni għal ksur tad-drittijiet tiegħi? Fejn nista' nsib xi informazzjoni addizzjonali?

Fil-każ ta' tilwim dwar id-dritt internazzjonali, irid jiġi ddeterminat liema qorti tkun se tikkunsidra u tiddeċiedi l-każ, u huwa wkoll meħtieġ li jiġi ddeterminat taħt liema liġi għandhom jiġu ddeterminati l-fatti. L-Att dwar id-Dritt Internazzjonali Privat u Proċedurali, li l-għan tiegħu huwa li jiddetermina liema ordinament ġuridiku jirregola r-relazzjonijiet ċivili, kummerċjali, familjari, industrijali u relazzjonijiet simili oħra b'element internazzjonali, jinkludi parti mil-Liġi Proċedurali Internazzjonali li tistabbilixxi każijiet li l-qrati Slovakki għandhom il-ġuriżdizzjoni għalihom, il-każijiet li l-qrati Slovakki għandhom ġuriżdizzjoni esklużiva għalihom u l-każijiet li l-partijiet għat-tilwima jkunu liberi li jagħżlu l-għażla ta' proċedura quddiem qorti Slovakka għalihom. Irid jiġi enfasizzat li l-qrati Slovakki dejjem isegwu r-regolamenti proċedurali Slovakki, u jekk l-awtorità ġudizzjarja Slovakka tonqos milli tistabbilixxi l-kontenut ta' liġi barranija f'perjodu ta' żmien raġonevoli jew jekk ikun diffiċli jew impossibbli li jiġi stabbilit il-kontenut ta' liġi barranija, fil-proċedura tintuża l-liġi Slovakka.

Fis-sitwazzjoni inkwistjoni, normalment ikunu biss id-dispożizzjonijiet tal-Att Slovakk dwar id-Dritt Internazzjonali Privat u Proċedurali li jikkonċernaw l-għażla tal-ġuriżdizzjoni permezz ta' ftehim reċiproku li jiġi applikat, jiġifieri ż-żewġ partijiet għat-tilwima jaqblu li l-każ jinstema' quddiem il-qrati Slovakki. Madankollu, jekk ftehim dwar il-ġuriżdizzjoni jkun ta' benefiċċju għal parti waħda biss, id-dritt tal-parti li tapplika quddiem qorti oħra jibqa' protett. Fi kwistjonijiet relatati ma' kuntratti ta' impjieg, ma' kuntratti ta' assigurazzjoni u ma' kuntratti tal-konsumatur, il-ftehimiet ta' ġuriżdizzjoni jkunu validi biss jekk ma jipprekludux il-ġuriżdizzjoni tal-qrati tal-Istat fejn jirrisjedi l-attur jew jekk jiġu konklużi wara li tinqala' t-tilwima.

Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:

Il-Punt Nazzjonali ta’ Kuntatt għan-Negozju u għad-Drittijiet tal-Bniedem (*Národné kontaktné miesto pre podnikanie a ľudské práva*)

Il-Ministeru tal-Ġustizzja tar-Repubblika Slovakka

# 4. L-istituzzjonijiet tal-Ombudsman, il-korpi tal-ugwaljanza jew l-istituzzjonijiet nazzjonali tad-Drittijiet tal-Bniedem jistgħu jappoġġaw lill-vittmi ta’ ksur tad-drittijiet tal-bniedem relatati man-negozju mwettaq minn korporazzjonijiet transnazzjonali Ewropej barra mill-Unjoni Ewropea? Dawn il-korpi jistgħu jinvestigaw il-każ tiegħi jekk m’iniex ċittadin tal-UE jew ma ngħixx fl-UE? Hemm servizzi pubbliċi oħra (bħall-ispettorat tax-xogħol jew tal-ambjent) f’pajjiżek li jistgħu jinvestigaw il-każ tiegħi? Fejn nista’ nsib informazzjoni dwar id-drittijiet tiegħi?

Id-Difensur Pubbliku tad-Drittijiet tal-Bniedem (Ombudsman) huwa stabbilit permezz tal-Kostituzzjoni Slovakka. L-Ombudsman Slovakk jinħatar mill-Kunsill Nazzjonali tar-Repubblika Slovakka u jista’ jiġi avviċinat minn persuni fiżiċi u ġuridiċi jekk dawn jemmnu li d-drittijiet jew il-libertajiet fundamentali tagħhom inkisru minħabba azzjoni, deċiżjoni jew ommissjoni ta’ awtorità pubblika. Dan ifisser li persuna li ma tkunx tgħix fis-Slovakkja jew li d-drittijiet u l-libertajiet tagħha ma jkunux inkisru mill-awtoritajiet pubbliċi Slovakki tista’ titlob parir mingħand l-Ombudsman Slovakk, iżda l-Ombudsman ma jkollux kompetenza legali sabiex jittratta l-kwistjoni jew sabiex jaġixxi fuq il-kwistjoni.

Fis-Slovakkja, iċ-Ċentru Nazzjonali Slovakk għad-Drittijiet tal-Bniedem (*Slovenské národné stredisko pre ľudské práva*) huwa l-istituzzjoni nazzjonali għad-drittijiet tal-bniedem kif ukoll il-korp nazzjonali kontra d-diskriminazzjoni. Il-kompitu ewlieni taċ-Ċentru huwa li jiżgura r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u għal-libertajiet fundamentali, inkluż il-prinċipju ta’ trattament ugwali fir-Repubblika Slovakka. Huwa jwettaq firxa wiesgħa ta’ attivitajiet sabiex jissodisfa l-missjoni tiegħu u jipprovdi diversi servizzi fil-qasam tal-protezzjoni u tal-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, filwaqt li jikkoopera mill-qrib mal-organizzazzjonijiet u mal-istituzzjonijiet internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem. F’Settembru 2018, iċ-Ċentru Nazzjonali Slovakk għad-Drittijiet tal-Bniedem stabbilixxa l-Punt ta’ Kuntatt Nazzjonali għan-Negozju u għad-Drittijiet tal-Bniedem. F’konformità mal-leġiżlazzjoni li tirregola l-attivitajiet u l-funzjonament tal-entità fundatriċi, dan jipprovdi, fost affarijiet oħra, pariri legali dwar id-diskriminazzjoni fuq il-post tax-xogħol (inkluża r-rappreżentanza mingħajr ħlas fi proċeduri legali) u l-konsultazzjoni dwar il-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali kull fejn huwa possibbli – minn kwistjonijiet ta’ ugwaljanza bejn il-ġeneri sal-ħarsien tal-ambjent iżda biss fis-Slovakkja (f’konformità mal-Kodiċi ta’ Proċedura Ċivili, li skont din il-qorti ġenerali għal persuna fiżika hija l-qorti li l-persuna fiżika tgħix fit-territorju tagħha, u f’konformità mal-Att dwar id-Dritt Internazzjonali Privat u Proċedurali).

Fil-qasam tal-ħarsien tal-ambjent, is-Slovakkja għandha l-Ispettorat Ambjentali Slovakk (*Slovenská inšpekcia životného prostredia*) li permezz tiegħu l-Ministeru tal-Ambjent iwettaq superviżjoni mill-Istat u jimponi pieni fuq persuni fiżiċi, negozji u persuni ġuridiċi oħra f’konformità mal-Att dwar il-Protezzjoni tan-Natura u tal-Pajsaġġ, u li l-ġuriżdizzjoni tiegħu tkopri t-territorju tar-Repubblika Slovakka, u, għalhekk, il-ksur ta’ dan l-Att irid ikun seħħ fit-territorju tar-Repubblika Slovakka.

L-Att dwar l-Ispezzjonijiet tax-Xogħol u dwar ix-Xogħol Illegali u l-Impjieg Illegali jirregola l-ispezzjoni tax-xogħol fit-territorju tar-Repubblika Slovakka, li jfisser li l-ksur ta’ dan l-Att irid ikun seħħ fit-territorju tar-Repubblika Slovakka.

Minn dan ta’ hawn fuq isegwi li jekk persuna temmen li d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-bniedem tagħha nkisru iżda ma tkunx ċittadin ta’ Stat Membru tal-Unjoni Ewropea u ma tkunx tgħix fit-territorju tal-Unjoni Ewropea, din ma tistax tfittex protezzjoni legali effettiva mill-awtoritajiet nazzjonali li jipproteġu d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali fir-Repubblika Slovakka.

## 5. Pajjiżek jimponi obbligi fuq il-korporazzjonijiet transnazzjonali Ewropej biex jistabbilixxu mekkaniżmi ta' lment jew servizzi ta' medjazzjoni għal ksur li jirriżulta mill-attivitajiet tan-negozju tagħhom? Dawn l-obbligi japplikaw ukoll għal ksur li seħħ barra l-Unjoni Ewropea? Min hu inkarigat mill-monitoraġġ ta' dawn l-attivitajiet f'pajjiżek? Hemm rapporti pubbliċi disponibbli li jipprovdu informazzjoni dwar il-funzjonament ta' dawn is-sistemi?

Ir-Repubblika Slovakka ma tobbligax lill-korporazzjonijiet multinazzjonali Ewropej jistabbilixxu mekkaniżmi tal-ilmenti, peress li dan l-obbligu jiġi impost biss fuq l-awtoritajiet tal-Istat u l-unitajiet territorjali awtogovernattivi u korpi oħra tar-Repubblika Slovakka f'konformità mal-Att dwar l-Ilmenti. Bħala Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, ir-Repubblika Slovakka trid timplimenta l-leġiżlazzjoni Ewropea.

Fis-Slovakkja, il-kumpaniji multinazzjonali jistgħu jikkuntattjaw lill-Punt ta' Kuntatt Nazzjonali għan-Negozju u għad-Drittijiet tal-Bniedem, li jipprovdi taħriġ, konsultazzjoni u pariri legali f'dan il-qasam.

Il-medjazzjoni hija proċess volontarju li jservi sabiex itaffi l-volum ta' xogħol relatat mat-tilwimiet lill-qrati. Fis-Slovakkja, il-medjazzjoni hija rregolata bl-Att dwar il-Medjazzjoni u tipprovdi soluzzjoni ekstraġudizzjarja għat-tilwim fl-oqsma tad-dritt ċivili, tal-liġi tal-familja u tal-obbligi kummerċjali u tar-relazzjonijiet tax-xogħol, kif ukoll għal tilwim transfruntiera li jirriżulta minn relazzjonijiet legali simili bejn entitajiet residenti jew normalment residenti fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea. Skont il-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili, jenħtieġ li l-qorti dejjem tfittex li tilħaq ftehim bonarju. Il-qorti tista' tipproponi li l-partijiet jilħqu ftehim permezz ta' medjazzjoni, iżda din ma tistax tiġi ordnata. Il-medjazzjoni teħtieġ il-kunsens volontarju tal-partijiet involuti u approċċ attiv mingħandhom.

## 6. Għandi xi drittijiet speċifiċi jekk inkun vittma vulnerabbli li tfittex rimedju għal ksur tad-drittijiet tal-bniedem relatati man-negozju? Jista' jkolli aċċess għall-għajnuna legali u taħt liema kundizzjonijiet? Liema spejjeż se jkunu koperti mill-għajnuna legali? Għandi aċċess għall-għajnuna legali taħt l-istess kundizzjonijiet jekk m'iniex ċittadin tal-UE jew jekk ma ngħixx fl-UE?

Fis-Slovakkja, l-Att dwar il-Vittmi ta' Reati jipprovdi d-definizzjoni li ġejja tat-terminu "vittma": vittmi partikolarment vulnerabbli (tfal, persuni ta' aktar minn 75 sena, persuni b'diżabbiltà, vittmi ta' traffikar tal-bnedmin, ta' kriminalità organizzata, ta' wieħed mir-reati kontra d-dinjità tal-bniedem, ta' wieħed mir-reati terroristiċi, vittmi ta' reati ta' vjolenza jew ta' theddidiet ta' vjolenza minħabba s-sess, l-orjentazzjoni sesswali, in-nazzjonalità, ir-razza jew l-etniċità, ir-reliġjon jew it-twemmin tagħhom, vittmi ta' reati oħra esposti għal riskju ogħla ta' vittimizzazzjoni ripetuta abbażi ta' valutazzjoni individwali tal-vittma u tal-karatteristiċi personali tagħha, abbażi tar-relazzjoni mal-awtur jew tad-dipendenza fuq id-delinkwent u tat-tip jew in-natura u ċ-ċirkostanzi tar-reat) għall-finijiet tal-proċeduri skont il-liġi Slovakka.

L-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi (prosekuturi u pulizija), il-qrati u l-entitajiet li jipprovdu assistenza lill-vittmi jridu jinformaw lill-vittmi bid-drittijiet tagħhom b'mod sempliċi u li jinftiehem. B'mod partikolari, huma ser iqisu d-diffikultajiet fil-fehim jew fil-komunikazzjoni li jirriżultaw minn ċerti tipi ta' diżabbiltà, l-għarfien lingwistiku jew il-kapaċità limitata ta' vittma li tesprimi ruħha. Fil-proċeduri kriminali, il-vittmi jkollhom l-istatus ta' parti li rrapportat reat, ta' parti li tkun ġarrbet dannu jew ta' xhud u jkollhom id-drittijiet u l-obbligi assoċjati mal-istatus tiegħu skont il-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali. L-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, il-qrati u l-entitajiet li jipprovdu assistenza lill-vittmi jwettqu valutazzjonijiet individwali tal-vittmi fir-rigward tal-gravità tar-reat imwettaq sabiex jiddeterminaw jekk il-vittma hijiex partikolarment vulnerabbli, bl-għan ta' prevenzjoni ta' vittimizzazzjoni ripetuta.

Il-vittmi jingħataw assistenza legali fil-forma ta' informazzjoni legali u ta' rappreżentazzjoni legali fi proċeduri kriminali u fi proċeduri ċivili u fit-talba għad-danni. L-assistenza legali tingħata lill-vittmi miċ-Ċentru għall-Assistenza Legali (*Centrum právnej pomoci*) taħt il-kundizzjonijiet u skont l-ambitu stabbilit mill-Att dwar l-Assistenza Legali għal Persuni fi Bżonn Materjali. Iċ-Ċentru għall-Assistenza Legali jipprovdi assistenza legali lill-

persuni fiżiċi kollha involuti f’tilwimiet nazzjonali iżda, f’tilwimiet transfruntiera, jipprovdiha biss lil persuni fiżiċi residenti jew normalment residenti fit-territorju ta’ Stat Membru. Skont it-termini ta’ trattat internazzjonali li r-Repubblika Slovakka hija marbuta bih jew abbażi ta’ reċiproċità ddikjarata mill-Ministeru tal-Ġustizzja tar-Repubblika Slovakka, l-assistenza legali tiġi pprovduta wkoll għall-fini ta’ proċeduri quddiem qorti fir-Repubblika Slovakka lil ċittadini ta’ stat li jkun parti fi trattat internazzjonali jew lil persuni normalment residenti fit-territorju ta’ tali stat jew lil persuni meta s-suġġett tal-proċeduri f’qorti tar-Repubblika Slovakka jkun direttament relatat mar-residenza abitwali preċedenti tagħhom fit-territorju tar-Repubblika Slovakka. Ir-rappreżentanza minn avukat skont l-Att dwar il-Professjoni Legali u l-Att dwar in-Negozju mhijiex eskluża.

Dawk li huma fil-bżonn materjali (l-introjtu tagħhom huwa anqas minn 1.4 darbiet tal-livell ta’ sussistenza (fis-Slovakkja) jew li qed jirċievu benefiċċji fil-bżonn materjali (fis-Slovakkja)), u fejn it-tilwima ma tkunx manifestament mingħajr mertu u l-valur tat-tilwima jkun jaqbeż il-valur tal-paga minima stabbilita bil-liġi, huma intitolati għal assistenza legali mingħajr ħlas miċ-Ċentru għall-Assistenza Legali.

L-applikanti huma eliġibbli għall-assistenza legali permezz taċ-Ċentru għall-Assistenza Legali b’kontribuzzjoni ta’ 20% tal-kostijiet tar-rappreżentazzjoni legali jekk fl-istess ħin jissodisfaw it-tliet kundizzjonijiet li ġejjin: l-introjtu tal-applikant jaqbeż il-1.4 darbiet tal-minimu ta’ sussistenza (fis-Slovakkja) u fl-istess ħin ma jaqbiżx 1.6 darbiet dak l-ammont, u ma jkunx jista’ jikseb servizzi legali bl-assi tiegħu, it-tilwima ma tkunx manifestament mingħajr mertu, u l-valur tat-tilwima jkun jaqbeż il-valur tal-paga minima stabbilit bil-liġi. Iċ-Ċentru dejjem jivvaluta l-konformità ma’ dawn il-kundizzjonijiet qabel jagħti l-għajnuna legali.

F’każijiet oħra, il-vittmi jqabbdu l-avukat tagħhom stess bi spejjeż tagħhom.

Il-ħarsien tad-drittijiet tal-informaturi jikkostitwixxi grupp speċjali. L-Att dwar il-Protezzjoni tal-Informaturi jirregola l-kundizzjonijiet għall-għoti ta’ protezzjoni lil persuni f’relazzjoni ta’ impjieg b’rabta mar-rapportar ta’ reati jew ta’ attivitajiet antisoċjali oħra, id-drittijiet u l-obbligi tal-persuni meta jirrapportaw attivitajiet antisoċjali, U l-istabbiliment, l-istatus u l-kompetenza tal-Uffiċċju għall-Protezzjoni tal-Informaturi (*Úrad na ochranu oznamovateľov protispoločenskej činnosti*).

L-informaturi jistgħu jitolbu protezzjoni meta jirrapportaw attività antisoċjali serja li tikkostitwixxi reat jew matul proċeduri kriminali. It-talba ssir lil prosekutur pubbliku. Jekk talba għall-protezzjoni tal-informaturi ssir lil awtorità pubblika oħra, din tintbagħat lil prosekutur pubbliku mingħajr dewmien. Jekk il-prosekutur isib li l-informatur li jkun talab il-protezzjoni jkun għamel notifika kkwalifikata, dan għandu jipprovdi l-protezzjoni immedjatament. Tingħata protezzjoni speċjali lill-informaturi sabiex tiġi evitata l-vittimizzazzjoni tagħhom b’tali mod li l-informatur ma jisfax vittma tad-delinkwent permezz ta’ theddid, ta’ intimidazzjoni, ta’ koerċizzjoni jew ta’ abbużi tal-poter, jew permezz ta’ tpattija jew inkella permezz tal-influwenzar tal-integrità fiżika jew psikoloġika tal-vittma.

F’każijiet li fihom il-vittma tilmenta dwar diskriminazzjoni, il-protezzjoni tiġi pprovduta skont l-Att Kontra d-Diskriminazzjoni li jistipula li miżuri mhux iġġustifikati kontra lmentatur ukoll jitqiesu bħala forma ta’ diskriminazzjoni. F’każijiet ta’ diskriminazzjoni, iċ-Ċentru Nazzjonali Slovakk għad-Drittijiet tal-Bniedem jipprovdi pariri legali u jista’ jirrappreżenta wkoll lill-vittma fi proċeduri legali.

Dan ma jikkunsidrax in-nazzjonalità tal-vittma, iżda l-protezzjoni tista’ tingħata biss lill-vittmi li jinsabu fit-territorju tar-Repubblika Slovakka.

---

L-aħħar aġġornament: 27/02/2023

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.